MINUTI

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 05

Is-Sibt 12 t'Ottubru 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar is-Sibt 12 t'Ottubru 2024 fl-10.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

05.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji minħabba li kull membru kien preżenti.

### 05.2 Kanċellazzjoni tat-tender MXR/05/2022 *"Tender for the Emptying of Waste Bins from Smart Waste Depots in Xagħra and Xlendi using a Low Emission Trucks"*

05.2.1 Is-Sindku spjega lill-membri dwar is-sejħa tal-offerta msemmija relatata mal-proġett tal-i*Smart Waste Depots* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi.

05.2.2 Huwa għamel referenza għall-korrispondenza mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn wara li bi qbil ma' *Circular Economy Malta*, li qed tieħu ħsieb dan il-proġett u mal-Ministeru tal-Ambjent, l-iskart kummerċjali li ser jinġabar f'dawn il-kontenituri ser jinbidel għal dak riċiklabbli u organiku. Għal dan il-għan, wara parir li ntalab mis-Segretarju Eżekuttiv, id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ssuġġerixxa sabiex il-kuntratt tal-offerta MXR/05/2022 ma jiġix mogħti u s-sejħa terġa' tinħareġ bit-tipi l-ġodda tal-iskart li ser ikun qed jinġabar.

05.2.3 Kien hemm qbil mill-membri dwar il-kanċellazzjoni tat-tender MXR/05/2022.

### 05.3 Ħruġ mill-ġdid ta' *tender* għat-tbattil tal-*waste bins* mill-i*Smart Waste Depot* tax-Xlendi.

05.3.1 Kien hemm qbil ukoll mill-membri preżenti sabiex fuq parir tal-istess Diviżjoni tal-Gvern Lokali, tinħareġ mill-ġdid sejħa għall-offerti għat-tbattil tal-*waste bins* mill-i*Smart Waste Depot* tax-Xlendi.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 05.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

05.4.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fl-10.15 ta' filgħodu u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 t'Ottubru 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 24 t'Ottubru 2024.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar